MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 592/2010

**Vodafone Malta Limited – C 10865**

**vs**

**Joseph Sammut**
**I.D. 73875 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' erba' mija sitta u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€476.38), liema ammont jirraprezenta prezz ghal servizzi ta' internet rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment, u bl-interessi mid-data meta l-ammont

pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija sitta u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€476.38), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------